# Stqarrija ta' Privatezza

## Il-protezzjoni tad-data personali:

Il-Parlament Ewropew huwa impenjat li jipproteġi d-data personali tiegħek u li jirrispetta l-privatezza tiegħek. Din l-istqarrija ta' privatezza tispjega l-iskop tal-ipproċessar tad-data personali fir-rigward tal-mistoqsijiet parlamentari, il-bażi ġuridka tagħha, il-proċeduri fis-seħħ biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data personali kollha pprovduta, kif tintuża dik l-informazzjoni, u liema drittijiet għandek b'rabta mad-data personali tiegħek. Tispeċifika wkoll id-dettalji ta' kuntatt tal-Kontrollur tad-Data responsabbli li lilhu tista' tindirizza sabiex tkun tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-Parlament Ewropew japplika r-Regolament (UE) 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni, (ĠU L 295-21/11/2018).

### 1) Min jipproċessa d-data personali tiegħek?

Il-Parlament Ewropew qed jaġixxi bħala l-Kontrollur[1], filwaqt li l-entità responsabbli għall-ipproċessar hija l-Unità tal-Attivitajiet tal-Membri rrappreżentata mis-Sur Francisco Peyró Llopis (Kap tal-Unità).

Jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Kontrollur/Entità permezz tal-kaxxi postali funzjonali li ġejjin: QuestOral@ep.europa.eu , QuestEcrit@ep.europa.eu u interpellations@ep.europa.eu

### 2) X'inhuwa l-iskop tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek?

Il-Kontrollur tad-Data jipproċessa l-informazzjoni personali tiegħek biss sa fejn dan ikun meħtieġ għat-twettiq tal-ħidma tal-Parlament Ewropew, peress li l-mistoqsijiet parlamentari huma forma diretta ta' skrutinju parlamentari ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE. Id-data personali tiġi pproċessata għall-finijiet tat-trattament ta' Mistoqsijiet għal Tweġiba bil-Miktub, Mistoqsijiet għal Tweġiba Orali b'Dibattitu, u Interpellanzi.

L-Unità tal-Attività tal-Membri tirċievi mistoqsijiet parlamentari permezz tal-applikazzjoni web, u sussegwentement tirreġistrahom, twettaq kontrolli tal-ammissibbiltà skont il-kriterji definiti mir-Regoli ta' Proċedura, u tibgħathom lid-destinatarji tagħhom, inkluż lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

Għal aktar informazzjoni dwar l-ipproċessar ta' data personali mill-Kummissjoni Ewropea, jekk jogħġbok ikkonsulta l-Istqarrija ta' Privatezza tal-Kummissjoni għat-trattament tal-mistoqsijiet parlamentari.

---

[1] Kontrollur huwa l-awtorità pubblika, l-aġenzija jew korp ieħor li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali. Il-Kontrollur huwa rappreżentat mill-kap tal-entità.

3) **Liema hija l-bażi ġuridika għall-ipproċessar?**

Il-bażi ġuridika għall-ipproċessar tinkludi l-Artikoli 136, 138 u 139 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, l-Anness III tar-Regoli ta' Proċedura tal-PE dwar Mistoqsijiet għal Tweġiba bil-Miktub, u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data.

4) **Liema data personali tiġi pproċessata?**

Tiġi pproċessata d-data personali amministrattiva tal-Membru li jħejji l-mistoqsija u kwalunkwe data personali li tinsab fil-mistoqsijiet parlamentari riċevuti permezz tal-applikazzjoni web. L-awturi (Membri individwali, kumitati jew gruppi politiċi) jistgħu jinkludu data personali meta jabbozzaw il-mistoqsijiet jekk iqisuha rilevanti għas-suġġett. L-awturi tal-mistoqsijiet huma esklużivament responsabbli għall-kontenut tagħhom.

5) **Kif tiġi pproċessata d-data personali tiegħek?**

Sabiex twettaq l-ipproċessar kif awtorizzat mid-dritt tal-Unjoni, l-Unità tal-Attivitajiet tal-Membri stabbiliet salvagwardji u proċeduri interni xierqa biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data.

L-ipproċessar tad-data jibda malli tasal il-mistoqsija parlamentari permezz tal-applikazzjoni web. Kull sitwazzjoni/mistoqsija partikolari li jkun fiha data personali apparti l-isem/ismijiet tal-Membru tal-Parlament Ewropew tiġi vvalutata fuq bażi ta' każ b'każ.

L-Unità twettaq riċerka fil-fond u verifika online biex tistabbilixxi jekk id-data personali inkwistjoni ġietx reża pubblika, f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. Is-sitwazzjoni personali tas-suġġett tad-data msemmi tiġi eżaminata, b'kont meħud tal-bażi ġuridika rilevanti għall-ipproċessar.

Id-data pproċessata tista' tinkludi kategoriji speċjali ta' data personali li jidħlu fl-ambitu tal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/1725, f'liema każ l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali jsir f'konformità ma' mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725:

(a) is-suġġett tad-data jkun ta l-kunsens espliċitu għall-ipproċessar ta' dik id-data personali għal fini speċifikat wieħed jew aktar;

(c) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-protezzjoni tal-interessi vitali tas-suġġett tad-data jew ta' persuna oħra meta s-suġġett tad-data ma jkunx fiżikament jew legalment kapaċi li jagħti l-kunsens;

(e) l-ipproċessar ikun relatat ma' data personali li b'mod ċar tkun saret pubblika mis-suġġett tad-data;

(g) l-ipproċessar ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali, fuq il-bażi tad-dritt tal-Unjoni, li jkun proporzjonat mal-għan segwit, jirrispetta l-essenza tad-dritt għall-protezzjoni tad-data u jipprevedi miżuri xierqa u speċifiċi sabiex jissalvagwardja d-drittijiet fundamentali u l-interessi tas-suġġett tad-data;

L-ipproċessar ta' data personali relatata ma' "kundanni u reati kriminali" huwa soġġett għall-kundizzjonijiet tal-ipproċessar tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Insegwitu tar-riċerka ta' kull każ individwali, meta d-data personali f'mistoqsija parlamentari titqies li hija ta' natura privata, u li ma tikkonformax mal-kriterji ta' hawn fuq, l-Unità tikkuntattja lill-awtur(i) u titolbu/titlobhom biex jirriformula(w) il-mistoqsija billi titneħħa kwalunkwe referenza għal data personali meqjusa inammissibbli.

### 6) Għal kemm żmien tinħażen id-data personali tiegħek?

Il-mistoqsijiet parlamentari jinħażnu fl-applikazzjoni web QP Plus. Wara t-tmiem tal-perjodu ta' ritenzjoni tagħhom ta' ħames snin, il-fajls li jikkonċernaw il-mistoqsijiet parlamentari jiġu trasferiti fl-Arkivji Storiċi tal-Parlament Ewropew għal skopijiet storiċi. Il-perjodu ta' ritenzjoni għall-mistoqsijiet parlamentari huwa suġġett għal skeda ta' ritenzjoni kif definita mil-Lista Komuni ta' Ritenzjoni fil-livell tad-DĠ.

Il-verżjonijiet finali tal-mistoqsijiet parlamentari, kif mibgħuta lir-riċevituri tagħhom wara l-kontrolli tal-ammissibbiltà u tal-protezzjoni tad-data, huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit tal-internet *Europarl*, u fir-Reġistru tad-dokumenti uffiċjali tal-Parlament.

### 7) Min huma r-riċevituri tad-data personali tiegħek?

Internament, l-aċċess għal mistoqsijiet parlamentari, u kwalunkwe data personali li jista' jkun fihom, huwa limitat għal kategoriji differenti ta' persunal responsabbli għat-twettiq tal-operazzjonijiet rilevanti. Dawn jistgħu jinkludu, minbarra l-Unità tal-Attivitajiet tal-Membri, id-DĠ TRAD għat-traduzzjoni, id-DĠ ITEC għal kwistjonijiet tekniċi b'applikazzjoni web, assistenti tal-Membri tal-Parlament, u gruppi politiċi u persunal tal-kumitati.

Wara l-proċedura ta' ammissibbiltà deskritta hawn fuq, u wara t-tneħħija ta' kwalunkwe data personali meqjusa inaċċettabbli, ir-riċevituri tad-data li tinsab fil-mistoqsijiet parlamentari huma Istituzzjonijiet oħra tal-UE. Dawn jinkludu l-President tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni jew il-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

### 8) Id-data personali tiegħek tiġi kondiviża ma' pajjiż terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali?

Il-mistoqsijiet parlamentari li għaddew mill-kontrolli u l-verifiki deskritti hawn fuq huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-*Europarl* u fir-Reġistru tad-dokumenti uffiċjali tal-Parlament.

**9) Jintużaw xi proċessi awtomatizzati[2] u/jew profiling[3] biex jittieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwawk?**

Le.

**10) Jekk id-data personali ma nkisbitx mingħandek, x'inhu s-sors tagħha?**

Id-data personali kollha toriġina minn mistoqsijiet parlamentari abbozzati minn Membri individwali tal-Parlament, kumitati, jew gruppi politiċi, u l-kontenut tal-mistoqsijiet huwa r-responsabbiltà unika tal-awturi tagħhom. Il-Kontrollur mhux dejjem jista' jivverifika s-sors tal-informazzjoni personali msemmija mill-Membru f'mistoqsija parlamentari.

**11) X'inhuma d-drittijiet tiegħek?**

Inti għandek id-drittijiet li ġejjin:

- Id-dritt ta' aċċess għad-data personali tiegħek.
- Id-dritt għal rettifika tad-data personali tiegħek.
- Meta applikabbli, id-dritt li tħassar id-data personali tiegħek.
- Meta applikabbli, id-dritt għal restrizzjoni tal-ipproċessar.
- Meta applikabbli, id-dritt għall-portabbiltà tad-data.
- Meta applikabbli, id-dritt ta' oġġezzjoni għall-ipproċessar.
- Meta applikabbli, id-dritt li tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin, mingħajr ma taffettwa l-legalità tal-ipproċessar ibbażat fuq il-kunsens qabel ma jiġi rtirat.
- Id-dritt li tikkuntattja lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data tal-Parlament Ewropew fuq data-protection@europarl.europa.eu.
- Id-dritt li tressaq ilment lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fuq edps@edps.europa.eu.

[2] It-teħid ta' deċiżjoni unikament b'mezzi awtomatizzati u mingħajr ebda involviment uman. {Eżempji teoriċi: paġna tal-internet li fiha, jekk tagħżel ċerti opzjonijiet, titqiegħed awtomatikament f'listi ta' indirizzi elettroniċi differenti li permezz tagħhom tirċievi l-bullettin korrispondenti ta' kull xahar / l-użu ta' sistema awtomatizzata biex jiġu kkoreġuti t-tweġibiet ta' test "b'għażla multipla" u biex tingħata marka li biha tgħaddi skont in-numru ta' tweġibiet tajbin}.

[3] Il-profiling janalizza aspetti tal-personalità, l-imġiba, l-interessi u l-abitudnijiet ta' individwu biex isiru previżjonijiet jew biex jittieħdu deċiżjonijiet dwaru. Jintuża biex jiġu analizzati jew previsti aspetti li jikkonċernaw il-prestazzjoni fuq il-post tax-xogħol, is-sitwazzjoni ekonomika, is-saħħa, il-preferenzi jew l-interessi personali, l-affidabbiltà jew l-imġiba tal-persuna kkonċernata jew il-post fejn tinsab l-istess persuna jew il-movimenti tagħha, eċċ. {Eżempju teoriku: meta tuża l-media soċjali tinġabar data u jiġu rreġistrati t-tendenzi tiegħek. Din id-data mbagħad tintuża biex jiġu ffurmati previżjonijiet ġodda/differenti dwarek.}